# M I N U T I

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

## ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## LAQGĦA NUMRU 14

6 ta' Mejju 2025

L-erbatax (14)-il seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar it-Tlieta 6 ta' Mejju 2025 fil-5.15pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tad-Dar tal-Kunsill.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Nigel Holland | ( NH ) | Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Sandra Sammut Hili | ( SSH ) | Kunsilliera |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsilliera |
| Is-Sur Justin Haber | ( JH ) | Kunsillier |

SKUŻATI:-

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Malcolm Agius Muscat Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

### 14.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

14.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 14.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

14.2.1. Is-Sindku NH ressaq il-minuti tat-tlettax (13)-il laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

14.2.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku JAE u issekondata mill-Kunsilliera JP, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti, bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (JAE, JP, NH, SSH, JH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

### 14.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

14.3.1. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand resident ta' Triq l-Isqof Mauro Caruana fejn għadda xi rimarki fir-rigward ta' dak li ntqal fil-laqgħa preċedenti tal-Kunsill partikularment fuq ir-rimarka li hu m'appuntax lilu nnifsu bħala rappreżentant tat-triq u li qatt ma naqas milli jirrappreżenta lir-residenti tal-istess triq ġaladarba kienu tawh l-appoġġ li jirrappreżentahom. Il-Kunsill innota dan.

14.3.1.1. Il-Kunsilliera SSH qalet li hi kienet ipproponiet li l-Kunsill jibgħat ittra hu stess lir-residenti tat-triq.

14.3.1.2. Is-Sindku qal li hu jinsab kuntent li s-sinjur kien qed jikkonferma li qed jirrappreżenta lir-residenti tat-triq.

14.3.2. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand cat feeder fejn talbet lill-Kunsill jassisti fit-tmigħ tal-qtates.

14.3.2.1. Is-SE spjega li l-qtates kienu ġew imsewwija u rreġistrati f'isem il-Kunsill. Huwa żied jgħid li kull meta kien hemm skemi, il-Kunsill kien dejjem applika sabiex ikun t'assistenza għal dawk li jitimgħu il-qtates.

14.3.2.2. Il-Kunsill qabel li l-kunsillier responsabbli mid-drittijiet tal-annimali għandu jieħu ħsieb isegwi din il-materja.

14.3.3. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn informaw lill-Kunsill li kienu qegħdin joffru kors tal-ewwel assistenza għall-istaff u l-kunsilliera. Il-Kunsill qabel li għandu jara min mill-istaff kien interessat japplika sabiex tkun tista' tiġi sottomessa l-applikazzjoni.

14.3.4. Is-Sindku ressaq talba mingħand il-Floriana FC Nursery li offrew lill-Kunsill jorganizza attività konġuntament magħhom billi jieħu ħsieb jiffinanzja t-tazzi. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

14.3.5. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn informaw lill-Kunsill li kienu ser jorganizzaw laqgħa għal dawk il-kunsilli lokali li diġà nedew jew qed jaħdmu fuq proġetti pedonali jew ta mobbilità sostenibbli fil-komunità tagħhom.

14.3.6. Is-Sindku ressaq tweġiba mingħand Dun Ġwann fejn iċċara li t-talba għal parkeġġ riservat kienet mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-8 u s-1.30pm. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma qabilx minħabba li dawn kienu ħinijiet "peak" kif ukoll minħabba li tali deċiżjoni kienet tmur kontra deċiżjonijiet passati tal-Kunsill.

14.3.7. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand kumpanija privata li offrew li jagħmlu refurbishment ta' outdoor gym fil-lokalità, jew ta' bandli li hu aċċessibbli għall-pubbliku, bħala parti mis-CSR tagħhom. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob laqgħa magħhom sabiex ikun jista' jiddiskuti aħjar.

14.3.8. Is-Sindku għamel riferenza għal rapport li kien hemm fejn xi persuni kienu ġew attakkati fil-Masġar tal-Ġublew. Huwa kompla billi qal li l-Pulizija kienu ipproponew li jitwaħħal poster fid-daħla tal-masġar, li jkun jinkludi wkoll il-logo tal-Kunsill Lokali Floriana, bħala deterrent għall-abbuż. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jkun inkluż il-logo tal-Kunsill u li jitwaħħlu dawn il-posters.

14.3.9. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand is-Surmast tal-iskola fejn offra lill-Kunsill biex tiġi organizzata ftira day b'mod konġunt, kif ukoll li jitqassmu maths toolboxes b'mod konġunt mal-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

14.3.10. Is-Sindku ressaq korrispondenza mibgħuta mill-BOV. Il-Kunsilliera SSH spjegat li l-BOV kien qed joffri li jsiru posters li jitwaħħlu fid-Dar tal-Kunsill u kien qed jitlob kjarifika fuq il-qies tal-poster. Il-Kunsill laqa' din l-offerta u qabel li l-poster għandu jsir ta' qies A3.

14.3.11. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand Transport Malta rigward il-kwistjoni tat-traffic lights u talab lill-Viċi Sindku JAE jispjega f'iktar dettall.

14.3.11.1. Il-Viċi Sindku JAE spjega kif kien reġa' ikkomunika magħhom hu u baqgħu isostnu li l-ħin kien korrett minkejja li kien informahom b'numru t'inċidenti li ġraw relatati ma' dan.

14.3.11.2. Il-Viċi Sindku qal li għandu jkompli jsostni l-punt li l-ħin irid jitranġa. Huwa irrefera li hemm pelican lights bejn Ġnien il-Mall u l-Biskuttin li l-ħin tagħhom kien itwal minkejja li bejn wieħed u ieħor hemm l-istess distanza.

14.3.11.3. Il-Kunsilliera SSH qalet li hi wkoll kienet tkellmet ma' xi ħadd li kien talabha tgħaddilu l-korrispondenza ħalli jkun jista' jara x'jista' jsir min-naħa tagħhom.

14.3.12. Is-Sindku għamel riferenza għall-banda tal-vjatku u qal li l-ispiża kienet ġiet inqas minn dak previst minħabba li l-banda kienet ridotta. Għalhekk huwa ippropona li bid-differenza, il-Kunsill iħallas id-differenza tal-banda li tammonta għal €400 kif ukoll id-drinks tal-bandisti. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 14.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

14.4.1. Il-Viċi Sindku JAE ta aġġornament dwar id-dwal ta' Ġnien Sir Luigi Preziosi fejn informa li kien iltaqa' ma' kuntrattur li kien se jkun qed jevalwa l-ħsara li hemm fil-ġimgħat li ġejjin ħalli jkun jista' jsir studju sew biex tinstab ir-raġuni għalfejn kien qed jintefa' d-dawl. Huwa qal li l-kuntrattur għandu jkun qed jippreżenta kwotazzjoni appena jkun lest dan l-istudju.

14.4.1.1. Huwa ippropona li tintbagħat tfakkira lill-Ministeru tal-Ambjent u l-Enerġija.

14.4.1.2. Is-Sindku qal li jkun iktar għaqli li wieħed jistenna l-kwotazzjoni ħalli jkun hemm idea ta' kemm ser tammonta l-ispiża. Il-Kunsill qabel.

14.4.2. Il-Kunsilliera JP ressqet suġġeriment biex tibda' tingħalaq parti minn Triq Sant'Anna matul il-marċ tal-Ħadd tal-festa. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jressaq dan is-suġġeriment għas-sena li ġejja.

14.4.3. Il-Kunsilliera JP informat li hemm xi fondi disponibbli għall-Kunsill għal attivitajiet ġodda li jittellgħu bejn Ġunju u Ottubru. Il-Kunsill qabel li għandu jikkunsidra dan.

14.4.4. Il-Kunsillier JH ressaq ilment dwar il-qsari tal-Housing Estate fi Triq il-Fosos li kienu ilhom ma jissaqqew. Il-Kunsill qabel li għandu jinforma lill-kuntrattur dwar dan.

14.4.4.1. Is-SE qal li ftit taż-żmien ilu l-kuntrattur kien mar iżda irriżulta li kienu pjanti privati u għalhekk ma setax isaqqihom.

14.4.5. Il-Kunsillier JH ressaq ilment rigward persuna rieqda fis-subways.

14.4.5.1. Huwa ippropona li dawn jitkaħħlu u jsirilhom ir-refurbishment li għandhom bżonn. Il-Kunsilliera SSH qalet li l-ewwel irid jitlesta il-proġett.

14.4.5.2. Il-Kunsillier JH ippropona li s-subways jibdew jingħalqu bil-lejl. Is-Sindku informa li dawn ma kienux responsabbiltà tal-Kunsill u għalhekk din id-deċiżjoni trid tittieħed mill-entità responsabbli.

14.4.5.3. Il-Kunsill qabel li f'każijiet bħal dan imsemmi, għandhom jiġu ikkuntattjati l-Pulizija immedjatament.

14.4.5.4. Nelfrattemp, il-Kunsill qabel li għandu jiċċekkja ta' min kienu l-kameras tas-sigurtà ħalli l-persuni li jabbużaw ikunu jistgħu jiġu identifikati.

14.4.6. Il-Kunsilliera SSH qalet li kienet informata minn omm tfajla li rebħet Miss Malta sabiex il-Kunsill jiltaqa' magħha kif soltu jsir. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

14.4.7. Il-Kunsilliera SSH staqsiet kemm ġiet tiswa l-attività ta' St Patrick's Day. Is-Sindku qal li qed isir eżerċizzju biex tiġi konkluża is-somma finali.

14.4.8. Il-Kunsilliera SSH ressqet proposta biex isir spazju ta' parkeġġ vojt quddiem iċ-childcare centre li hemm fil-lokalità. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma qabilx ġaladarba diġà għandhom daħla quddiem il-binja li għandha titħalla vojta u hemm is-sinjali tat-traffiku li jindikaw dan.

14.4.9. Il-Kunsilliera SSH qalet li kienet tkellmet mal-E.T. il-President ta' Malta biex tieħu lill-anzjani żjara fil-palazz tal-president. Hija qalet li l-E.T. kienet informata biex il-Kunsill jikteb ħalli tkun tista' tiġi deċiża data għal din iż-żjara. Il-Kunsill qabel li għandu jikteb.

14.4.10. Il-Kunsilliera SSH ressqet talba mingħand Josephine Grech sabiex tagħmel parti mis-sottokumitat tal-Anzjani u s-Saħħa. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 14.5 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI

14.5.1. Ma kienx hemm rapporti ta' laqgħat ta' kumitati u/jew sotto kumitati.

**Nota: 18:09 Is-Sindku talab li jkun skużat.**
**Il-Viċi Sindku JAE ippreseda l-laqgħa.**

## 14.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI SKEDA TA' PAGAMENTI

14.6.1. Il-Viċi Sindku ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 12/09 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

14.6.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera SSH u issekondata mill-Kunsilliera JP, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 14.7 EMENDA TAL-BYE-LAW DWAR L-UŻU TAL-FAĊILITAJIET

14.7.1. Il-Viċi Sindku JAE fetaħ il-materja billi talab lis-SE jispjega l-emendi li qed jiġu proposti.

**<u>Nota: 18:13 Is-Sindku reġa' attenda għal-laqgħa.</u>**
**<u>18:14 Il-Kunsilliera SSH talbet li tkun skużata.</u>**
**<u>18:14 Il-Kunsilliera SSH reġgħet attendiet għal-laqgħa.</u>**

14.7.2. Is-SE fetaħ id-diskussjoni billi qal li l-faċilitajiet tal-Kunsill kienu żdiedu u għalhekk il-Kunsill għandu jikkunsidra rati u tariffi ġodda. Huwa ressaq proposti ta' tariffi ġodda li kienu ibbażati fuq tariffi ta' ġonna u faċilitajiet simili fil-lokalità.

14.7.3. Il-Kunsilli iddiskuta t-tariffi proposti kif ukoll xi emendi, inkluż il-bżonn ta' polza t'assigurazzjoni u risk assessment meta tittella' attività.

14.7.4. Is-SE qal li kien ser ikun qed jaġġorna il-punti u t-tariffi kif maqbula b'dak li ġie diskuss u li ser ikun qed jiċċirkola lista tagħhom bil-miktub.

## 14.8 DEVOLUZZJONI TA' PJAZZA SAN PUBLJU

14.8.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi għamel riferenza għal-laqgħa dwar l-MoU fejn baqgħu jinsistu li l-ftehim ikun ristrett biss għal meta jsiru l-attivitajiet.

14.8.2. Is-Sindku qal li hu tal-opinjoni li fiċ-ċirkostanzi, il-Kunsill għandu jaċċetta dal-MoU. Minkejja dan, xorta waħda jemmen li l-Kunsill għandu jmur għad-devoluzzjoni ta' Pjazza San Publju.

14.8.3. Is-Sindku qal li l-post għandu bżonn ranġatura tajba iżda.

14.8.4. Il-Viċi Sindku JAE qal li l-MoU jitkellem biss fuq il-protezzjoni tal-Fosos qabel jew wara l attività u mhux matul is-sena kollha. Huwa qal li l-MoU qed jonqos milli jħares il-Fosos matul is-sena kollha u għalhekk, permezz tad-devoluzzjoni, il-Kunsill ikun jista' jissalvagwardja il-Fosos matul is-sena kollha.

14.8.5. Il-Kunsilliera SSH qalet li wieħed irid ikun jaf x'tiswa' din ir-ranġatura u x'hemm bżonn li jsir qabel ma l-Kunsill jieħu l-pass u jitlob id-devoluzzjoni tal-Fosos.

14.8.6. Is-Sindku qal li hu nelfrattemp ser ikompli jinsisti li min għandu l-*ownership* ta' din il-pjazza għandu jirranġa li hemm bżonn.

14.8.7. Il-Kunsilliera SSH ġibdet l-attenzjoni għat-tindif u l-manutenzjoni ta' kuljum. Hija kompliet billi semmiet ħsibijiet li hemm biex spazji oħra miftuħa fil-qrib jibdew jiġu offruti għall-organizzazzjoni tal-attivitajiet.

14.8.8. Wara li l-Kunsill kompla jiddiskuti dawn il-punti, is-Sindku ippropona li jinbeda' l-proċess. Din il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku JAE. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 3 (NH, JAE, JP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 2 (SSH, JH)

14.8.9. Il-Kunsilliera SSH qalet li tixtieq tagħmilha ċara li hi kienet astjeniet għax temmen li l-ewwel, wieħed għandu jara xi spejjeż hemm involuti.

**Nota: 18:40 Is-Sindku NH talab li jkun skużat.**
**Il-Viċi Sindku JAE ippreseda l-laqgħa.**

## 14.9 Konċessjoni għal 'Padel Court' fiċ-Ċentru Rikreattivi r-Re Ġorġ V

14.9.1. Is-SE fetaħ il-materja billi qal li kien tkellem mad-Dipartiment tal-Kuntratti peress li din is-sejħa taqa' taħt konċessjoni.

14.9.2. Is-SE qal li fost l-affarijiet li talbu, kien ser ikun hemm bżonn li jsir *feasibility study*.

14.9.3. Il-Kunsillier JH ippropona li l-*feasibility study* jsir minn terzi persuni minflok mil-Kunsill.

**Nota: 18:45 Is-Sindku reġa' attenda għal-laqgħa.**

14.9.4. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li jikkuntattja liż-żewġ kuntratturi li wrew interess.

## 14.10 Skema 'Minn Pjazza għal Pjazza

14.10.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi għamel riferenza għall-iskema "Minn Pjazza għal Pjazza".

14.10.2. Il-Kunsilliera JP qalet li l-Kunsill kellu ġimgħa ċans sabiex jissottometti l-applikazzjoni tiegħu.

**Nota: 18:49 Il-Viċi Sindku JAE talab li jkun skużat.**

14.10.3. Hija spjegat li hemm €25,000 allokati għal massimu ta' għaxar kunsilli/proġetti.

**Nota: 18:49 Il-Viċi Sindku JAE irritorna għal-laqgħa.**

14.10.4. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jieħu jumejn ċans sabiex tkun tista' titressaq proposta għal din l-iskema, u qabel li għandu jerġa' jiltaqa' b'mod informali sabiex tiġi sottomessa l-applikazzjoni.

## 14.11 Reviżjoni tal-Iskema tal-Parkeġġ Residenzjali

14.11.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi qal li kellu diversi proposti biex l-iskema ta' parkeġġ eżistenti tinbidel u ssir bħal dik tal-Belt Valletta.

14.11.2. Il-Kunsilliera SSH qalet li mill-feedback li kellha, jidher li s-sistema kurrenti hija aħjar minn dik tal-Belt.

14.11.3. Il-Viċi Sindku JAE staqsa jekk kienx hemm xi data jew informazzjoni dwar is-sistema tal-Belt Valletta, li jinkludi kif tinħadem u kif isir il-proċess tal-ħarsien.

14.11.4. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob lil-LESA biex jara jekk hemmx informazzjoni ta' dan it-tip.

**Nota: 19:02 Il-Kunsillier JH talab li jkun skużat.**

## 14.12 Riġenerazzjoni tal-Floriana

14.12.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi qal li l-Kunsill kien iltaqa' mal-Ministru Owen Bonnici dwar din il-materja. Huwa kompla billi qal li l-Ministru kien issuġġerixxa li l-Kunsill javviċina lir-reġjun sabiex ikun jista' jsir studju ta' kif il-lokalità tista' tieħu r-ruħ.

14.12.2. Il-Viċi Sindku JAE qal li flimkien mar-reġjun, il-proposta ser tiġi iktar kollettiva. Minbarra dan, permezz tar-reġjun il-Kunsill ser jieħu wkoll għajnuna fejn l-istudju jkun jista' jsir mill-fondi tar-reġjun kif ukoll minn nies esperti u għalhekk ser tkun qed tingħata ħafna assistenza.

14.12.3. Il-Viċi Sindku JAE qal li l-Kunsill huwa pijunier u kien qed jagħti eżempju ta' kif wieħed jista' jaħdem id f'id biex tiġi affaċjata din l-isfida. Huwa sostna li l-kunsill għandu jibqa' jaħdem id f'id, b'mod kollettiv, għal dan il-għan.

**Nota: 19:03 Il-Kunsillier JH reġa' attenda għal-laqgħa.**

14.12.4. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk kienx hemm iktar kunsilli lokali li avviċinaw lill-Kunsill. Is-Sindku ikkonferma li sa dakinhar kien ġie avviċinat mis-Sindku ta' Bormla, u ovvjament mir-Reġjun Xlokk.

14.12.5. Il-Kunsilliera SSH qalet li tixtieq tagħmilha ċara li minkejja li l-Kunsill kien qabel, hi ma kinitx qablet ma' dak id-dokument kollu. Hi qalet li kienet qablet li l-Kunsill għandu jitkellem imma mhux mad-dokument komplut.

## 14.13 JUM IL-FONDAZZJONI TAL-FLORIANA

14.13.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi għamel riferenza għall-Jum il-Fondazzjoni tal-Floriana u qal li kien avviċinah l-Arċipriet fejn issuġġerixxa li l-Kunsill jikkunsidra li jkun hemm bidla minħabba li fid-9 ta' Mejju tiġi ċċelebrata il-festa ta' San Ġorġ Preca.

14.13.2. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma qabilx li jkun hemm bidla.

## 14.14 LINJI SOFOR QUDDIEM HEKK IMSEJĦA GARAXXIJIET

14.14.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal li kien għadu ma lestiex ir-riċerka li xtaq jagħmel fir-rigward ta' din il-materja.

14.14.2. Għalhekk huwa talab li din il-materja titpoġġa fuq l-aġenda tal-laqgħa li jmiss.

## 14.15 ĠEMELLAĠĠ MA' BELT / LOKALITÀ IRLANDIŻA

14.15.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi qal li l-Kunsill kien kiteb lill-kunsill lokali ta' Dublin li kienu nformawh li t-talba kienet ser tiġi ikkunsidrata.

14.15.2. Is-Sindku qal ukoll li l-arċisqof t'Armagh kien issuġġerixxa li l-Kunsill jikkunsidra ġemellaġġ m'Armagh li hija l-kapitali ekkleżjastika tal-Irlanda iżda sfortunatament, din il-belt ma kienitx tagħmel parti mir-Repubblika tal-Irlanda.

14.15.3. Il-Kunsillier JH ippropona li tiġi kunsidrata il-belt ta' Cork.

14.15.4. Is-Sindku NH qal li kien wasal iż-żmien li s-sottokumitat internazzjonali jiltaqa' sabiex tiġi diskussa triq 'il quddiem.

14.15.5. Is-Sindku kompla billi nforma li s-Sindku ta' Macerata kien informa li ma setgħux jiġu Malta minħabba li kellhom impenji oħra. Il-Kunsill innota dan.

## 14.16 KUNSILL LOKALI TAT-TFAL

14.16.1. Il-Kunsilliera JP fetħet il-materja billi qalet li sfortunatament, kien hemm biss żewġ applikazzjonijiet għall-kunsill lokali tat-tfal.

14.16.2. Is-Sindku semma l-attività li ser torganizza l-iskola primarja għal Jum il-Floriana. Il-Kunsill qabel li għandu jinforma li ser tattendi l-Kunsilliera JP.

## 14.17 AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA

14.17.1. Il-laqgħa intemmet fis-19:30 u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 3 ta' Ġunju 2025 fil-5.15pm.

**Konfermati, illum it-Tlieta 3 ta' Ġunju 2025**

| | |
|---|---|
| (iffirmati) | (iffirmati) |
| Nigel Holland | Malcolm Agius Muscat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |